# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 37

15 ta' Frar, 2022

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.55 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 37

37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 36 – 9;
37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
37.5 Komunikazzjoni;
37.6 Rapport ta' kull kwart Jannar – Diċembru 2021 (Kwart 4)
37.7 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2021 *(unaudited)*;
37.8 L-Estimi Annwali 2022;
37.9 Ħatra ta' bordijiet għal evalwazzjoni u aġġudikazzjoni – Tender SNTLC 01/02 -2022;
37.10 Ħruġ ta' offerta għar-restawr tal-Kalkara tal-Ġir – mill-fondi LESA;
37.11 Avvenimenti marbuta ma' l-Għid 2022 - Dramm il-Kundanna;
37.12 Jum Sannat 2022;
37.13 Il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone u l-attivitajiet konnessi;
37.14 Avvenimenti relatati mal-festa 2022;
37.14 Ilmenti u Suġġerimenti;
37.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/2022;
37.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

37.1.1 Is-Segrertarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji biss il-Viċi Sindku nfurmatu permezz tat-telefown li kienet ser tattendi għal din il-laqgħa ftit tard.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 36 – 9

37.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 36 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

37.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kif kien ħabbar fil-laqgħat preċedenti l-proġett tant ambizzjus tar-riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita issa beda u bħalissa l-kuntrattur kien għaddej bi trial holes tas-servizzi fejn instabet l-ewwel problema u għalhekk il-proġett ma jistax jitkompla għalissa qabel din il-problema tiġi solvuta. Dan peress li nstab cable live tal-EneMalta li huwa deterjorat minn fejn se jinbena l-walk through service culvert u li dan irid jiġi imċaqlaq, biss fl-offerta ma hemmx line item fejn intalab dan it-tip ta' xogħol u għal dan il-għan wieħed irid jara minn fejn se jiġu l-fondi biex dan jiġi mċaqlaq temporanjament sakemm jinbena s-service culvert. Is-Sindku spjega u qal li hu qatt ma xtaq li dan il-walk through service culvert ikun f'nofs it-triq (karreġjata) minħabba is-saħħa tiegħu u biex ma jiġix iddeterjorat maż-żmien bil-vetturi kbar u tqal li jgħaddu minn fuqu. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol ser ikun varjazzjoni u għalhekk tkellem mall-Ministru responsabbli mill-EneMalta u mad-Direttur tal-EcoGozo fi ħdan il-MGOZ fejn spjega li dan huwa cable antik ħafna. Għalhekk intalbet kwotazzjoni għal dan ix-xogħol u min ser iħallas. Is-Sindku qal li dan il-cable xorta jrid jinbidel u għandu jgħaddi mis-service culvert il-quddiem. Il-Kunsill ddiskuta t-traffic management ta' dan il-proġett u biex fi Triq il-Moxa jsiru d-double yellow lines. Dwar Triq Ta' Ċenċ in-naħa t' isfel ir-residenti għandhom jiġu nfurmati li ma jistax isir parkeġġ bejn is-7.00 a.m. u s-7.00 p.m. Il-Kunsill qabel li dan il-proġett fih ħafna sfidi. Is-Sindku qal li bgħat ittra lir-residenti Ta' Sannat fejn infurmahom bil-bidu ta' dan il-proġett.

37.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 23 ta' Frar 2022, fid-9.30 a.m., il-Kunsill għandu laqgħa fil-bini tal-Kunsill stess mal-Community Police fejn issa dan qed jiġi ntrodott sew fil-komunita tagħna. Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri li min irid jista jattendi.

37.3.3 Is-Sindku fakkar li kif informa fl-aħħar laqgħa preċedenti l-Kunsill irċieva mingħand Ambjent Malta dwar sejħa għal Local Council Urban Greening Scheme 2022. Dwar dan ingħatat sessjoni ta' informazzjoni nhar it-Tnejn 24 u t-Tlieta 25 ta' Jannar fl-10.00 a.m. b'mod virtwali fejn attenda għal sessjoni minnhom is-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill wara diskussjoni qabel li japplika biex isir titjib fl-arja tal-madwar u enerġija iktar effiċjenti fi Triq 28 ta' April 1688 u applikazzjoni oħra fuq tisbieħ u restawr fuq il-ġibjun fi Triq il-Kbira.

37.3.4 Fis-2.10 p.m. il-Viċi Sindku daħlet għal din il-laqgħa u talbet skuża li ma setgħetx tkun fil-ħin

37.3.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li wara li l-bord tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni għal-offerta SNTLC13/2021 *Proposed service culverts within Public Open Space at* Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri, Ta' Sannat iltaqa' u għamel ix-xogħol rikjest, qed jirrakkomanda l-irħas offerta li kienet technically compliant u li hi dik ta' Gatt Tarmac Ltd. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal b'hekk issa l-Kunsill jista jkompli jiddiskuti mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex b'hekk ikun jista jakkwista aktar fondi (mid-Development Planning Funds fi ħdan l-Awtorita tal-Ippjanar) rikjesti u l-permessi meħtieġa biex fi Triq l-Isqof D. Cocco Palmieri ikun jista jsir dan ix-xogħol flimkien mall-kumplament tax-xogħol ta' tisbieħ f'din il-pjazzetta.

37.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Korporazzjoni tal-Ilma kitbu fejn fakkru dwar meta kien sar il-water culvert fi Triq tal-Gruwa fl-2016, il-Kunsill kien iffirma kuntratt bejn il-MGOZ u l-WSC u li ssa l-Kuntrattur irid jitħallas. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan il-kuntratt jgħid li l-Kunsill irid joħroġ is-somma ta' €20,000 u li l-Kunsill għandu jirċievi kont mingħand il-kuntrattur. Is-Sindku qal li dan huwa biss parti mix-xogħolijiet li kien sar fuq dan il-culvert u ta' minn ifakkar dwar l-għarar tal-ilmijiet li kienu jirċievu r-residenti li jogħqodu f'din it-triq u li din il-problema issa ġiet riżolta darba għal dejjem permezz ta' dan. Il-Kunsill qabel biex dan iħallas il-parti tiegħu.

37.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħal ma jaf kulħadd, il-lokalita' tagħna, ġiet innominata għal Best Film Locality Award, l-ewwel avveniment ta din ix-xorti f' Malta u li l-lokalita' (Pjazza Santa Margerita) kienet fost il-ħames finalisti minn tnejn u erbgħin l-applikazzjoni f'din is-sessjoni. Is-Sindku qal li għalkemm il-lokalita' ma kienitx dik rebbieħa xorta kien ta unur għal Ta' Sannat peress li huwa wieħed mill-lokalitjiet madwar Malta u Għawdex imfittxija għal din l-industrija tal-films.

37.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kull nhar ta' Sibt filgħodu, fis-sala tal-Kunsill reġgħu bdew is-sessjonijiet ta' Aqra Miegħi għat-tfal minn eta' bikrija. L-għan ta dan il-programm hu li jkebbes l-imħabba għal qari minn eta' żgħira.

37.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-Sinjura Bayona u s-Sur Locatelli fejn fost materja diskussa, s-Sinjura Bayona qed tissuġġerixxi li jsiru sessjonijiet minnha ta' Yoga għal mhux aktar minn għaxar persuni. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva u għandu jara meta ser ikun jista jibda dawn is-sessjonijiet biex jinforma lir-residenti permezz ta' avviż fuq bażi ta first come first serve.

37.3.10 Is-Sindku qal li s-Soċjeta Mużikali Santa Margerita bgħatet ittra fejn qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex f'egħluq iċ-ċelebrazzjonijet mill-25 sena mit-twaqqif tagħha isir proġett ambizjuż u uniku. Dan jikkonsisti f'oratorju (kitba ta' poeżija u wara issirilha l-mużika) dwar il-ħajja ta' Santa Margerita. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva u għandu jiddiskuti dan il-proġett mas-Soċjeta.

37.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għadu jsegwi l-applikazzjoni M 4 Rejuvenating Gozo fejn il-Kunsill kien fit-tieni post.

37.3.12 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-Ministeru għal Għawdex talab biex isir ftehim biex il-Ministeru jkun jista japplika minn fondi ewropej taħt Miżura 4.3. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

37.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

37.4.2 Il-Kunsillier Tewma staqsa dwar il-proġett ta' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri. Is-Sindku spjega dan il-proġett mill-fondi tad-DPF.

## 37.5 Komunikazzjoni

37.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari 02/2022 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2021
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/1/2022 – Finanzjament għal-żvilupp u tijib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/2/2022 – Tnedija mill-ġdid tal-*Community Inclusive Employment Scheme* (CIES)

37.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
19 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/009 – Save the date – LCA Plenary Conference.
19 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/010 – European Capitals of Inclusion and Diversity Award
24 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/011 – Regionalised Waste Management Consultation
26 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/012 – L&M – Leading Change – Training Session – 25/01/2022
25 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/013 – First Aid & AED Courses
25 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/014 – Fire Warden Training
25 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/015 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-'Earth Hour' 2022
25 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/016 – Urban Greening Scheme 2022 – Information Session Presentation
26 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/017 – Caritas Malta Epilepsy Association
28 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/018 – EAFRD Miżura 4.3
01 ta' Frar 2022 – Cir AKL 2022/019 – Il-Laqgħa Plenarja fl-4 u 5 ta' Marzu 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din il-konferenza ġiet posposta.
01 ta' Frar 2022 – Cir AKL 2022/020 – Office Assistant – Skala 16 – Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
03 ta' Frar 2022 – Cir AKL 2022/021 – Download our Equalcity toolboxes!

37.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
22 ta' Jannar 2022 – Re Laqgħa mal-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca – Malta Trust Foundation – nhar il-Ħamis, 27 ta' Jannar, 2022 fis-2p.m.
31 ta' Jannar 2022 – Conference Invitation – GRDA EU Funding Roadmap for Gozo
9 ta' Frar 2022 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 107 nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Frar, 2022 fis-6.30p.m.

37.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
26 ta' Jannar 2022 – PA/05754/21 – GTD – To sanction existing house from previously approved in PB3621/84/3371/84 – Triq il-Kbira, Sannat
26 ta' Jannar 2022 – PA/06175/21 – GTD – To sanction existing dwelling as bulit (variations from PB4140/90 and PA6413/94). – Triq Ta' Bardan, Sannat

26 ta’ Jannar 2022 – RG/01628/21 – To regularise shop (Class 4B) and underlying basement (Class 4B store) including retractable front awning and sign. – Triq Ta’ Sannat, Sannat
26 ta’ Jannar 2022 – RG/00010/22 – To regularise existing flat as built. – Triq Ta’ Skerla, Sannat

## 37.6 Rapport ta’ kull kwart Jannar – Diċembru 2021 (Kwart 4)

37.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mal-Aġenda kien bgħat permezz tal-imejl ir-rappor ta’ kull kwart Jannar- Diċembru 2021 (Kwart 4). Dan ġie approvat mill-Kunsill u ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 37.7 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2021 *(unaudited)*;

37.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mal-Aġenda ukoll kien intbgħat ir-Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2021 fejn għalkemm il-Kunsill għad għandu d-deficit ikkontrollat fuq il-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv din is-sena l-Kunsill qed bi profit. Wara li dan ir-rapport ġie approvat unanimament mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport biex jintbgħat lill-Awditur, lill-Awditur Ġenerali, lid-Direttur Ġenerali u lid-Direttur – Moniteraġġ u Sapport, Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 37.8 L-Estimi Annwali 2022

37.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien bgħat ukoll flimkien mal-Aġenda, l-Estemi Annwali 2022. Hu qal li l-allokazzjoni għal din is-sena żdiedet bi €11,000 mis-sena l-oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex nimxu kemm jista jkun ma dan il-baġit peress li ma hemmx fejn wieħed idur għax l-allokazzjoni hija dik li hi.

## 37.9 Ħatra ta’ bord għal evalwazzjoni u aġġudikazzjoni – Tender SNTLC 01/02 -2022;

37.9.1 Is-Sindku qal li kif kien deċis fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill ħareġ l-offerta SNTLC 1/2022 dwar General Asphalting works with hot rolled asphalt in Ta’ Sannat in a resource efficient manner u li din l-offerta għalqet illum. Is-Sindku qal li għal din l-offerta jrid jinħatar bord għal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li jaħtar lil Perit Brian Curmi, l-Avukat Dr Mario Calleja u l-Inġinier Christian Cordina membri tal-bord, is-Sindku Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv għal dan ix-xogħol.

37.9.2 Is-Sindku qal li kif kien iddiskuta fil-laqgħat preċedenti l-Kunsill kien applika u bbenefika minn skema maħruġa mill-SPI – DLG dwar aċċessibilta u mobilta’ fejn il-Kunsill kien applika għal Van tal-elettriku. Il-Kunsill riċenti ħareġ is-sejħa għal offerti u li din l-offerta tagħlaq nhar il-Ġimgħa 11 ta’ Marzu 2022 fejn il-Kunsill ukoll irid jaħtar bord għal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li jaħtar lil Inġ Mario Cauchi, l-Avukat Dr Mario Calleja, l-Accountant Pauliana Said membri tal-bord, is-Sindku Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv għal dan ix-xogħol.

## 37.10 Ħruġ ta’ offerta għar-restawr tal-Kalkara tal-Ġir – mill-fondi LESA

37.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan l-aħħar ġie nfurmat b'ittra ta' impen peress li l-Kunsill kien applika minn applikazzjoni li l-LESA kienet nediet lura s-sena l-oħra. Il-Kunsill kien applika biex tiġi rrestawrata l-Kalkara tal-Ġir ma' ġenb l-Uffiċċju, fuq BOQ li kien ipprepara l-Perit. Għal dan il-għan il-Kunsill irid jipprepara u joħroġ sejħa tal-offerti għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill ibbenefika fond ta' (80%) €46361.43 u l-Kunsill irid joħroġ 20% l-oħra. Is-Sindku qal li qed jissuġġerixxi li jaħtar Project Manager lis-Sur Charlie Cassar biex isegwi dan ix-xogħol ta' restawr, dan peress li fil-passat meta din kienet ġiet irrestawrata mill-ħaddiema ta' MGOZ hu kien ħadem fuqha. Il-Kunsill għandu jara dan.

## 37.11 Avvenimenti marbuta ma' l-Għid 2022 - Dramm il-Kundanna

37.11.1 Is-Sindku qal li kif kien għarraf fil-laqgħa preċedenti, l-Kunsill għaddej bil-preparamenti għall-avveniment tal-Għid bi dramm bl-isem "Il-Kundanna" li se jsir fi Triq tal-Gruwa nhar is-Sibt 9 ta' April 2022, fit-8.00 p.m. Il-Kunsill applika għal fondi mill-iskema ta' Easter in Gozo MGOZ għal din l-attivita. Is-Sindku qal li l-Kunsill bgħat avviż lir-residenti biex min jixtieq jipparteċipa jista jagħmel dan. Is-Sindku qal li qed jinħadmu xi props għal dan id-dramm.

## 37.12 Jum Sannat 2022

37.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita ta' Jum Sannat għandha tiġi ċċelebrata nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2022, fejn dakinhar se jkun hawn delegazzjoni ta' 45 persuna minn Montefiascone. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita sabiex jittella' kunċert pop f'din l-okkażjoni fejn jingħataw ukoll il-premijiet ta' Premju Ġieħ Sannat u r-Rikonoxximent Żgħażugħ/a għas-sena 2020, 2021 peress li dan ma setgħax isir minħabba l-pandemija tal-COVID 19 u dak ta' din is-sena. Il-Kunsill qabel biex waqt din l-attivita' għandhom jindaqqu wkoll l-innijiet Taljan, Ta' Sannat u dak Malti. Il-Kunsill qabel li għandu jistieden lis-Sur Mark Lawrence Zammit minn Ta' Sannat biex jippreżenta din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' għandha ssir fi Pjażetta l-Isqof David Cocco Palmeri u li għandu jaħseb għal-stage, stage lights u sound.

## 37.13 Il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone u l-attivitajiet konnessi

37.13.1 Is-Sindku qal li tkellem mas-Sindku ta' Montefiascone fejn talab il-lista ta' min se jiġi jżurna bejn it-28 ta' April 2022 u t-2 ta' Mejju 2022 sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2022 permez ta' grant ta' €7500 minn fondi ewropej u li l-Kunsill irid jara fejn dawn se jiġu ospitati. Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid jimxi mall-programm li l-Kunsill issottometta fl-applikazzjoni għal dawn il-fondi fejn il-Kunsilli flimkien għandhom jiddiskutu dwar "Enhancing the Democracy of Citizens in Small Towns". Is-Sindku qal li diġa avviċina lill-Membru Parlamentari Josianne Cutajar biex tkun preżenti għal waqt laqgħa ma din id-delegazzjoni. Il-Kunsill qabel li s-Sibt 30 ta' April 2022 fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri, se jsir wine festival, b'live bands fosthom Tribute Queen, May Band u DJ Ryan.

## 37.14 Avvenimenti relatati mall-festa 2022;

37.14.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif kien ġie diskuss fl-laqgħa magħhom fejn kien issemma li se jittella' musical fil-ġimgħa tal-festa titlulari, għal din is-sena se tkun waħda mpossibli li dan jkun jista jsir. Dan minħabba li ż-żmien huwa wieħed limitat biex dan jittella'. Is-Sindku qal li

wieħed għandu jara l-andament għal dak iż-żmien. Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi diskuss fil-laqgħat li jmiss.

## 37.15 Ilmenti u Suġġerimenti

37.15.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward qtugħ ta' ħaxix fi Triq Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħaddiema tal-CWSEF assenjati mall-Kunsill qed jgħamlu dan ix-xogħol.

37.15.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward qtugħ ta' ħaxix fi Triq Dun Luqa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħaddiema tal-CWSEF assenjati mall-Kunsill għandhom jgħamlu dan ix-xogħol.

37.15.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna, li kitbet f'isem is-sidien tal-vilel ta' Ta' Ċenċ fejn talbet li tiġi identifikata ż-żona tal-għawm bi ħbula u bagi taħt il-Kantra Restaurant, simili ta' dik fil-bajja ta' Mgarr ix-Xini. Dan sabiex ikunu evitati inċidenti meta dgħajjes ikunu qrib iż-żona tal-għawm. Il-Kunsill qabel li dwar dan is-suġġeriment għandna niktbu lill-Transport Malta.

37.15.4 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex tiġi rranġata ħofra kbira perikoluża fl-slip way ta' Mġarr ix-Xini, jiġi mnaddaf il-ħafna ċagħaq li hemm fl-istess xtajta u jinteħħa l-ħafna ħass (b'xi pressure washer) li hemm fl-slip way.

37.15.5 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System* fejn talab li jerġa jinbena ħajt fi Triq Tal-Gruwa.

37.15.6 Resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talab li ssir bankina ġdida mar-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

37.15.7 B'referenza għall-ilment numru 03/2022, residenta li toqgħod fi Triq Skerla talbet li jsiru *double yellow lines* quddiem il-propjeta tagħha fi Triq Skerla kantuniera ma Triq il-Barumbara tal-Bies. Dwar dan l-ilment il-Kunsill għandu jikteb u jitlob lil Transport Malta.

37.15.8 B' referenza għall-ilment numru 04/2022, persuna talbet biex jinbena ħajt tas-sejjieħ fi Triq Mġarr ix-Xini peress li dan waqa bil-maltemp. Il-Kunsill qabel li jibgħat dan l-ilment bis-sistema tal-*Works Request System* tal-MGOZ.

37.15.9 B'referenza għall-ilment numru 05/2022, resident li joqgħod fi Triq ix-Xabbata talab li tiġi rranġata bankina mar-residenza tiegħu fi Triq ix-Xabbata kantuniera ma Triq Paranji. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

37.15.10 B' referenza għall-ilment numru 06/2022, resident talab li jsir bankina ġdida quddiem binja ġdida fi Triq it-Tempju tal-Imramma. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

37.15.11 Residenta li togħod fi Triq Sannat ilmentat rigward xifer fl-inżul tal-bankina quddiem l-ispizerija li huwa perikoluż. Il-Kunsill għandu jkellem lil Perit.

37.15.12 Residenti qed jitolbu li jsir railing tal-stainless steel mal-bankina quddiem l-Latrina, bħal dak li diġa sar. Il-Kunsill għandu jara dan aktar il-quddiem meta titlesta t-triq.

13.15.13 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward tappieri fi Triq l-Isqof Cocco Palmieri u Triq il-Paranji li huma perikolużi u mhumiex asfaltati kif suppost. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil Water Services Corporation sabiex dawn jiġu rranġati.

37.15.14 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħajt imwaqqa fi Triq Mgarr ix-Xini. IS-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

37.15.15 Is-Sindku qal li fuq talba ta residenti qed jitlob li ssir tabella fi sqaq fi Triq Ta' Ċenc fejn tghid Keep Alley Clear. Il-Kunsill għandu jibgħat lil TM għal approvazjoni ta din it-tabella.

37.15.16 Il-Ħaddiema tal-CWSEF li jaħdmu fuq barra u jgħamlu xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix f'toroq mhux urbani qed jitolbu biex jinxtara grass cutter ġdid. Il-Kunsill qabel li dan jinxtara.

37.15.17 L-Animal Steward qed jitlob biex tinxtara cat trap dan biex tintuża x'hin ikun hemm il-bżonn. Il-Kunsill qabel ma dan.

37.15.18 Il-Kunsillier Steven Gauci qal li Triq Ta' Durell ma għandiex plakki bl-isem. Il-Kunsill qabel li għandu jivverivika dan u jekk ma hemmx isiru.

## 37.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/2022

37.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 2/2022 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Steven Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 37.17 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

36.14.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2022, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 15 ta' Marzu, 2022

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |